MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 524/2004

Avviz Nru 524/04DM

Borg Transportation Ltd ( C-9485)

Vs

Penza Tarmac Limited ( C-22138)

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u seba' Liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm3,607.79) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' zejt u 'diesel' mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta mill-prospett anness mall-avviz immarkat (Dok BT1) u dan oltre l-imghaxijiet minn dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv.

Nonostante illi gew interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont, huma baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-avviz, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Jannar, 2005, fejn id-difensur tas-socjeta’ konvenuta pprezenta nota ta’ ammissjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta’ tlett elef, sitt mija u seba’ liri Maltin u disgha u sebghin centenzmu (Lm3,607.79) ghar-ragunijiet indikat fl-Avviz, u bl-imghax legali b’effett mis-7 ta’ Dicembru, 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------